

Rakkomandazzjonijiet tal-EBA

dwar is-sorveljanza superviżorja tal-attivitajiet relatati mal-parteċipazzjoni tal-banek fil-panel tal-Euribor



Rakkomandazzjonijiet dwar is-sorveljanza superviżorja tal-attivitajiet relatati mal-parteċipazzjoni tal-banek fil-panel tal-Euribor

Werrej

1.	Sommarju Eżekuttiv	3
2.	Sfond u raġunament	4
3.	Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-EBA dwar is-sorveljanza superviżorja tal-attivitajiet relatati mal-parteċipazzjoni tal-banek fil-panel tal-Euribor	6
4.	Konsultazzjoni u Valutazzjoni ta' Impatt	11
5.	Konferma ta' konformità ma' dawn ir-Rakkomandazzjonijiet	12

1. Sommarju Eżekuttiv

Fl-ambitu tal-attenzjoni li ta l-pubbliku dan l-aħħar lejn ir-rati ta' referenza tas-swieq finanzjarji, lejn il-proċeduri ta' kalkolu u lejn l-arranġamenti ta' tmexxija, il-Bord tas-Superviżuri tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u l-Bord tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) f'Settembru 2012 ftehm u li jsaħħu l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti fl-investigazzjoni u l-infurzar fir-rigward tal-banek tal-panel tal-Euribor. Ftehm u wkoll fuq reviżjoni konġunta tal-proċess tal-Euribor-FFE sabiex jiġi mifhum b'mod sħiħ il-proċess ta' ffissar tar-rata tal-Euribor u s-suxxettibbiltà tiegħu għar-riskju ta' manipulazzjoni.

Fil-qafas istituzzjonali attwali, l-iffissar tar-rata ta' riferiment mhijiex attività regolata fl-UE filwaqt li l-Euribor-FFE bħala amministratur ta' referenza tal-Euribor mhuwiex kopert minn xi leġiżlazzjoni speċifika relatata mas-settur finanzjarju. Fid-dawl tal-importanza sistematika tal-Euribor u l-insuffiċjenzi żvelati mill-analiżi (Rapport dwar l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-Euribor) inħasset il-ħtieġa li jiġu rakkomandati miżuri immedjati biex tiżdied l-affidabbiltà u l-kredibbiltà tal-Euribor.

Ir-Rakkomandazzjonijiet jidentifikaw prattiki ta' superviżjoni armonizzati għas-sorveljanza tal-proċess ta' sottomissjoni tal-Euribor. Is-sorveljanza superviżorja armonizzata tal-banek tal-panel sejra żżid l-affidabbiltà tal-Euribor billi tistabbilixxi standards għas-superviżjoni tal-proċessi ta' sottomissjoni. Ir-Rakkomandazzjonijiet jikkumplimentaw il-Linji Gwida tal-EBA dwar it-Tmexxija Interna, ippubblikati fis-27 ta' Settembru 2011, li diġà jstabbilixxu f'aktar dettall, ir-rekwiżiti għall-organizzazzjoni interna tal-istituzzjonijiet, il-korp maniġerjali, il-ġestjoni tar-riskju u l-proċeduri ta' kontroll, inkluż il-proċess ta' approvazzjoni tal-prodotti l-ġodda, is-sistemi tal-IT u t-trasparenza u l-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju. Minbarra r-Rakkomandazzjonijiet, l-EBA u l-ESMA jagħtu rispons għall-Euribor-FFE abbażi tas-sejbiet tar-reviżjoni.

Ir-Rakkomandazzjonijiet jiffukaw fuq it-talbiet biex jissafħu l-arranġamenti ta' tmexxija interna tal-banek tal-panel tal-Euribor inkluż kodiċi tal-kondotta b'enfażi fuq l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti interni, l-arranġamenti ta' kontrol intern (inkluż il-verifiki), iż-żamma tar-rekords u t-tqabbil mat-transazzjonijiet reali. Biex jiġi żgurat panel rappreżentattiv, l-awtoritajiet kompetenti huma rakkomandati li jħeġġu lil kull bank attiv fis-swieq tal-flus tal-Euro biex jieħu sehem fil-panel tal-Euribor.

2. Sfond u raġunament

Ir-rati ta' referenza tas-swieq finanzjarji, il-proċeduri ta' kalkolu u l-arranġamenti ta' tmexxija tqiegħdu taħt skrutinju pubbliku mill-qrib f'dawn l-aħħar snin. Ġiet espressa l-ħtieġa li jkun hemm riforma fil-mekkaniżmi ta' ffixar tar-rati ta' referenza fil-komunitajiet superviżorji u regolatorji kif ukoll fis-swieq finanzjarji.

L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) daħlu f'inizjattiva konġunta, fid-dawl (1) tan-nuqqasijiet potenzjali serji fil-mod li bih qegħdin jiġu stabbiliti r-riferimenti interbankarji u r-rati ta' imġax relatati fl-UE, (ii) tal-użu mifruq tar-riferimenti interbankarji u l-implikazzjonijiet li nuqqas ta' fiduċja f'dawn ir-rati jista' jkollu għas-swieq finanzjarji, (iii) tan-nuqqas ta' fiduċja li l-manipulazzjoni potenzjali jew l-iffissar mhux korrett tar-rati ta' referenza interbankarji jistgħu jqanqlu għal referenzi jew indiċijiet oħrajn fis-swieq finanzjarji.

Il-Bordijiet tas-Superviżuri tal-EBA u tal-ESMA f'Settembru 2012 ftehm u li jaħdmu fuq kwistjonijiet relatati mar-riferimenti u b'mod aktar speċifiku:

- biex isaħħu l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti fl-attivitajiet ta' investigazzjoni u infurzar tagħhom. Għal dan il-għan, f'Ottubru 2012 ġie stabbilit netwerk ta' esperti għall-iskambju ta' informazzjoni fl-investigazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti għall-kooperazzjoni f'każijiet speċifiċi, b'mod partikolari l-każijiet tal-Euribor;
- biex janalizzaw il-proċess tal-Euribor-FFE sabiex jifhmu b'mod sħiħ il-proċess tal-iffissar tar-rata tal-Euribor u s-suxxettibbiltà tiegħu għar-riskju ta' manipulazzjoni; u
- jiżviluppaw prinċipji ffukati fuq il-proċessi ta' ffixar tar-referenzi fl-Ewropa (inkluż iżda mhux limitat għall-Euribor u proċessi ta' rata ta' imġax paragonabbli oħrajn) sabiex fi żmien qasir ikun hemm qafas b'saħħtu.

Fil-qafas istituzzjonali attwali, l-iffissar tar-rata ta' riferiment mhijiex attività regolata fl-UE filwaqt li l-Euribor-FFE bħala amministratur tar-referenzi tal-Euribor mhuwiex kopert minn xi leġiżlazzjoni speċifika relatata mas-settur finanzjarju. Fid-dawl tal-importanza sistemika tal-Euribor u l-insuffiċjenzi żvelati mill-analiżi (Rapport dwar l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-Euribor) inħasset il-ħtieġa li jiġu rakkomandati miżuri immedjati biex tiżdied l-affidabbiltà u l-kredibbiltà tal-Euribor.

Il-qafas regolatorju diġà jinkludi rekwiżiti għall-istituzzjonijiet fir-rigward tat-tmexxija tagħhom, li huma rilevanti wkoll għall-proċess ta' ffixar tar-rata u l-użu ta' riferimenti. L-Artikolu 22 tad-Direttiva 2006/48/KE jgħid li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu lil kull istituzzjoni ta' kreditu sabiex ikollha fis-seħħ arranġamenti ta' tmexxija b'saħħithom. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-istabbiliment tagħha, l-EBA għandha toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex tistabbilixxi Prattiki ta' superviżjoni konsistenti, effiċjenti u effikaċi u sabiex tiżgura applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-liġi tal-Unjoni, inkluż id-Direttiva 2006/48/KE. Dawn ir-Rakkomandazzjonijiet għandhom l-għan li jstabbilixxu rekwiżiti armonizzati għall-arranġamenti ta' tmexxija interna tal-banek li jieħdu sehem fil-proċess ta' ffixar tal-prezzijiet tal-Euribor flimkien mal-Linji Gwida dwar it-Tmexxija Interna, ippublikati fis-27 ta' Settembru 2011 li diġà jstabbilixxu f'aktar dettall ir-rekwiżiti għall-organizzazzjoni interna tal-istituzzjonijiet, il-korp maniġerjali, il-ġestjoni tar-riskju u l-proċeduri ta' kontroll inkluż il-proċess ta'

approvazzjoni tal-prodotti l-ġodda, is-sistemi tal-IT u l-ġestjoni u t-trasparenza tal-kontinwità tan-negozju.

L-EBA u l-ESMA ħadmu wkoll fuq prinċipji għall-proċessi ta' ffissar tar-rati tar-referenzi fl-Ewropa li jkopru t-tipi kollha ta' referenzi u anki l-amministraturi tar-referenzi.

3. Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-EBA dwar is-sorveljanza superviżorja tal-attivitajiet relatati mal-parteciċipazzjoni tal-banek fil-panel tal-Euribor

Status ta' dawn ir-Rakkomandazzjonijiet

1. Dan id-dokument jinkludi r-Rakkomandazzjonijiet maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ("*ir-Regolament tal-EBA*"). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mar-Rakkomandazzjonijiet.
2. Ir-Rakkomandazzjonijiet jistipulaw l-opinjonijiet tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi f'dan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. Għaldaqstant, l-EBA tistenna li kull awtorità kompetenti li dawn ir-Rakkomandazzjonijiet huma indirizzati lilha, tikkonforma magħhom. L-awtoritajiet kompetenti li japplikaw għalihom dawn ir-Rakkomandazzjonijiet, għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif ikun xieraq (eż billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż meta r-Rakkomandazzjonijiet ikunu primarjament indirizzati lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' Rrappurtar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA, jekk jikkonformawx jew jekk għandhomx il-ħsieb li jikkonformaw ma' dawn ir-Rakkomandazzjonijiet, jew inkella jindikaw ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità sal-11 ta' Marzu 2013. F'każ li ma ssir l-ebda notifika sa din id-data ta' skadenza, l-awtoritajiet kompetenti, sejrin jiġu kkunsidrati mill-EBA bħala li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu lil compliance@eba.europa.eu billi tiġi sottomessa l-formula mogħtija f'Taqsima 5 bir-referenza għal "EBA/Rec/2013/01". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw fuq il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.
4. In-notifiki sejrin jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

Werrej

Titolu I - Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet	8
Titolu II - Rakkomandazzjonijiet dwar is-sorveljanza superviżorja tal-attivitajiet relatati mal-parteċipazzjoni tal-banek fil-panel tal-Euribor	9
Titolu III- Dispożizzjonijiet Finali u Implimentazzjoni	10

Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-EBA dwar is-sorveljanza superviżorja tal-attivitajiet relatati mal-parteciċipazzjoni tal-banek fil-panel tal-Euribor

Titolu I - Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

1. Dawn ir-Rakkomandazzjonijiet jikkompilmentaw il-linji gwida tal-EBA dwar it-tmexxija interna (GL 44 tas-27 ta' Settembru 2011) billi jstabilixxu l-istennijiet dwar is-sorveljanza superviżorja tal-arranġamenti ta' tmexxija interna tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward tal-parteciċipazzjoni tagħhom fil-panel li jipprovdi r-rati tal-Euribor.

Definizzjonijiet

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-Rakkomandazzjonijiet, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) "Euribor" tfisser ir-rati tal-Euribor għat-tenuri kollha disponibbli kif iddefinit mill-Euribor-FFE;
 - (b) "Bank tal-panel tal-Euribor" tfisser l-istituzzjonijiet ta' kreditu kif iddefinit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE li jjeħdu sehem fil-panel li jipprovdi r-rati tal-Euribor kif iddefinit mill-Euribor-FFE;
 - (c) "sottomittent" tfisser persuna fil-bank tal-panel tal-Euribor li tiegħu sehem fil-proċess ta' sottomissjoni tar-rati tal-Euribor;
 - (d) "kodiċi tal-kondotta" tfisser id-dokumentazzjoni interna li tiddekrivi l-proċess ta' sottomissjoni tar-rati, u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi differenti;
 - (e) "korp maniġerjali" tfisser il-korp (jew korpi) ta' tmexxija ta' istituzzjoni tal-kreditu, li jinkludi l-funzjoni superviżorja jew maniġerjali, li għandu l-awtorità finali biex jjeħdu d-deċiżjonijiet u għandu s-setgħa biex jistabilixxi l-istrateġija, l-oġġettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-istituzzjoni ta' kreditu

Kamp ta' applikazzjoni u livell ta' applikazzjoni

3. Dawn ir-Rakkomandazzjonijiet japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw il-banek tal-panel tal-Euribor.

Titolu II - Rakkomandazzjonijiet dwar is-sorveljanza superviżorja tal-attivitajiet relatati mal-parteciċipazzjoni tal-banek fil-panel tal-Euribor

4. L-awtoritajiet kompetenti huma rakkomandati li jinkludu s-sottomissjonijiet tal-Euribor fil-proċessi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma soġġetti għall-analiżi superviżorja tagħhom.
5. L-awtoritajiet kompetenti huma rakkomandati li jiżguraw li l-proċess ta' sottomissjoni tar-rati jiġi kopert minn politiki ta' kontroll tar-riskju u ta' ġestjoni tar-riskju tal-banek tal-panel. B'mod aktar speċifiku, il-banek tal-panel għandhom japplikaw il-prinċipju b'erba' regoli għas-sottomissjonijiet tal-Euribor, il-ħin kollu. It-taħriġ għandu jiġi organizzat fil-banek tal-panel kemm għas-sottomittenti kif ukoll għall-utenti tar-rata tal-Euribor.
6. L-awtoritajiet kompetenti huma rakkomandati li jitolbu lill-banek tal-panel tal-Euribor biex jabbozzaw, jekk ma jkunx disponibbli, jew li janalizzaw, fejn dawn diġà jkunu jeżistu, il-kodiċijiet tal-kondotta interna għas-sottomissjonijiet tal-Euribor. Fi ħdan kull bank tal-panel tal-Euribor, is-sottomittenti rispettivi u l-manigġers diretti tagħhom għandhom ikunu mistennija li jirrikonoxxu bil-miktub li huma qraw il-kodiċi tal-kondotta u li jimpenjaw ruħhom li jirrispettawh.
7. Il-kodiċi tal-kondotta għandu jinkludi politika dwar il-kunflitti ta' interess li tkopri:
 - (a) proċeduri effettivi biex jiġi evitat jew ikkontrollat l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-persunal involut f'attivitajiet li jinvolvu riskju ta' kunflitt ta' interess fejn l-iskambju ta' dik l-informazzjoni tista' taffettwa d-dejta ta' referenza sottomessa;
 - (b) ir-regoli biex jiġi evitat li jkun hemm kollużjoni fost id-ditti li jikkontribwixxu u bejn id-ditti li jikkontribwixxu u l-amministraturi tar-referenzi;
 - (c) il-miżuri li jimpedixxu jew li jillimitaw lil kwalunkwe persuna milli teżerċita influwenza mhux xierqa fuq il-mod li bih il-persunal involut fis-sottomissjoni tad-dejta ta' referenza jwettagħ l-attivitajiet;
 - (d) it-tneħħija ta' kwalunkwe rabta diretta bejn ir-rimunerazzjoni tal-persunal involut fis-sottomissjonijiet tad-dejta ta' referenza u r-rimunerazzjoni ta' persunal differenti li huwa primarjament involut f'xi attività jew id-dħul iġġenerat minnu, fejn jista' jinħoloq kunflitt ta' interess fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet.
8. L-awtoritajiet kompetenti huma rakkomandati li jitolbu lill-banek tal-panel biex jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu mekkaniżmi ta' kontroll intern imfassla biex jassiguraw il-konformità mal-kodiċi tal-kondotta. Il-kontrolli mwettqa fuq id-dejta sottomessa għandhom jinkludu l-paraguni ma' dejta reali li tista' tiġi vverifikata u li hi bbażata fuq it-transazzjonijiet. Il-kontrolli għandu jkollhom l-għan li jidentifikaw kwalunkwe transazzjoni li tiġi maqluba wara sottomissjoni. Il-funzjoni ta' konformità għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha, inkluż it-transazzjonijiet maqluba lill-manigġment superjuri fuq bażi regolari. Is-sottomissjonijiet u l-proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal analiżijiet interni u esterni indipendenti li jsiru kull ċertu żmien.

-
9. L-awtoritajiet kompetenti huma rakkomandati li jitolbu lill-banek tal-panel sabiex iżommu rekords xierqa dwar l-aspetti rilevanti kollha tas-sottomissjonijiet, inkluż il-membri tal-persunal involuti f'sottomissjonijiet uniċi. Għandhom jinżammu rekords f'mezz li jippermetti li l-ħażna ta' informazzjoni tkun aċċessibbli għal referenza futura b'rekord għall-verifika ddokumentata.
 10. L-awtoritajiet kompetenti huma rakkomandati li jħeġġu lill-banek biex ikunu parti mill-panel tal-Euribor minħabba l-importanza ta' din ir-rata ta' referenza fis-swieq tagħhom stess.

Titolu III- Dispożizzjonijiet Finali u Implimentazzjoni

11. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimplimentaw dawn ir-Rakkomandazzjonijiet fil-prattiki superviżorji tagħhom kif ikun xieraq sal-11 ta' Marzu 2013.

4. Konsultazzjoni u Valutazzjoni ta' Impatt

Fid-dawl tal-importanza sistematika tal-Euribor u l-insuffiċjenzi żvelati mix-xogħol ta' analiżi, inħasset il-ħtieġa li jiġi rakkomandat li jittieħdu miżuri immedjati biex tiżdied l-affidabbiltà u l-kredibbiltà tal-Euribor. L-EBA mhijiex sejra tniedi konsultazzjoni pubblika minħabba l-urġenza tal-kwistjoni u anki minħabba n-natura ta' dawn il-miżuri superviżorji li jipprovdu speċifikazzjonijiet fl-applikazzjoni tal-Linji Gwida eżistenti tal-EBA dwar it-Tmexxija Interna. L-EBA ddeċidiet li tagħmel konsultazzjoni dwar dawn ir-Rakkomandazzjonijiet permezz tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati.

Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, l-EBA wettqet biss valutazzjoni tal-impatt ta' livell għoli. Ir-Rakkomandazzjonijiet proposti f'dan id-dokument sejrini jġġeneraw spejjeż ta' konformità oħra minimi lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li sejrini jiġu inklużi fil-panel tal-Euribor u lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali hekk kif jispeċifikaw ulterjorment il-Linji Gwida tal-EBA dwar it-Tmexxija Interna.

L-EBA temmen li dan il-piż huwa inqas importanti mill-benefiċċji għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-konsumaturi, l-investituri u s-swieq finanzjarji milli jkun hemm referenza affidabbli tal-Euribor. L-ESMA, li permezz tagħha l-EBA wettqet l-ħidma tal-isfond relatata ma' dawn ir-Rakkomandazzjonijiet, tat ukoll l-istess rispons.

5. Konferma ta' konformità ma' dawn ir-Rakkomandazzjonijiet

Data:

Stat Membru/taż-ŻEE:

Awtorità kompetenti:

Rakkomandazzjonijiet: Dwar is-sorveljanza superviżorja tal-banek tal-Panel tal-Euribor

Isem:

Kariga:

Numru tat-telefown:

Indirizz tal-email:

Jien għandi l-awtorizzazzjoni biex nikkonferma l-konformità mar-Rakkomandazzjonijiet f'isem l-awtorità kompetenti: Iva

L-awtorità kompetenti tikkonforma jew għandha l-ħsieb li tikkonforma mar-Rakkomandazzjonijiet:

Iva Le Konformità parzjali

L-awtorità kompetenti tiegħi ma tikkonformax u ma għandhiex il-ħsieb li tikkonforma mar-Rakkomandazzjonijiet għar-**raġunijiet** li ġejjin¹:

Dettalji dwar il-konformità parzjali u r-raġunament:

Jekk jogħġbok ibgħat din in-notifika fuq compliance@eba.europa.eu².

1 F'każijiet ta' konformità parzjali, jekk jogħġbok inkludi l-firxa tal-konformità u ta' nuqqas ta' konformità u agħti r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità għall-oqsma tas-suġġett rispettivi.

2 Wieħed għandu jkun jaf li metodi oħra ta' komunikazzjoni ta' din il-konferma ta' konformità bħall-komunikazzjoni fuq indirizz tal-email differenti minn dan ta' hawn fuq, jew b'email li ma jinkludix il-formula meħtieġa, ma għandhomx jiġu aċċettati bħala validi.